MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 23/2000/1

**San Martin Estates Limited**

**vs**

**Antonia Chetcuti u, b'digriet tal 25 ta' Ottubru 2002, Martin Chetcuti, Maria Gauci, Doris Bezzina, Carmen Galea u Pawlu Chetcuti assumew l-atti flok l-intimata ommhom, wara il-mewt taghha.**

Illum 14 ta' Novembru 2013

Ra ir-rikors ippresentat fl 24 ta' Ottubru 2000 fejn is-socjeta rikorrenti stqarret illi hija tikri lill-intimata Antonia Chetcuti razzett u ghalqa ta' cirka 250 tomna f'San Pawl il-Baha fl-inhawi maghrufa bhala ta' "San Martin" u ta' "Il-Gnien ta' Fuq". Huwa allegat illi l-intimata, fiz-zminijiet recenti, naqqset milli zzomm fi stat tajjeb il-hitan tar-raba u ghamlet hsara lill hali hitan kif ukoll naqqset milli thares il-kundizzjonijiet tal-kirja billi deliberatament ikkagunat jew

halliet li tigi kkagunata hsara a dannu tas-socjeta rikorrenti. Ghalhekk, l-istess socjeta rikorrenti talbet lill-Bord sabiex jordna it-terminazzjoni tal-kirja fil-konfront ta' l-intimata u l-izgumbrament taghha minn tali fond.

Ra ir-risposta ippresentata fit 22 ta' Jannar 2001 fejn sahqet illi dak kollu allegat kien infondat fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-affidavit ta' **Nazzareno Vassallo** u dokumentazzjoni maghha esebita, ippresentat fil 25 ta' Ottubru 2002.

Ra illi fis 16 ta' Ottubru 2003 il-Bord appunta lill Perit Frederick Valentino u Anthony Mifsud sabiex jaccedu fuq il-post u jirrelataw fuq il-post meritu tal-kawza odjerna abbazi tat-talbiet maghmulha.

Ra illi fid 29 ta' Novembru 2004 il-Periti ippresentaw ir-rapport taghhom.

Ra ix-xhieda ta' **John Buttugieg**, rappresentant tal-MEPA, moghtija fl-10 ta' Ottubru 2005 u id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar moghtija fid 29 ta' Lulju 2005.

Ra ix-xhieda ta' **Ivor Robinich**, rappresentant tal-MEPA, moghtija fis 16 ta' Jannar 2006 u dokumentazzjoni minnu esebita, fejn xehed fuq applikazzjoni PA 1195/05 maghmulha minn Joseph Galea, ir-ragel ta' Carmen Galea illi kienet giet rifjutat u kienet qed tigi rikonsiderata.

Ra illi fl 14 ta' Mejju 2007 is-socjeta rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Ra ix-xhieda ta' **Ivor Robinich** moghtija fit 13 ta' Ottubru 2008 fejn reggha xehed fuq applikazzjoni PA 1195/05 u informa lill Bord li fis 6 ta' Frar 2007 il-permess "Sanctioning replacement of existing room and landscaping works" inhareg lill-istess Joseph Galea.

Ra ix-xhieda ta' **Martin Chetcuti** moghtija fl 1 ta' Dicembru 2008.

Ra ix-xhieda ta' **Joseph Galea** moghtija fit 2 ta' Frar 2009.

Ra ix-xhieda ta' **Paul Chetcuti** moghtija fit 18 ta' Mejju 2009.

Ra illi fis 16 ta' Gunju 2010 xehdu **Paul Chetcuti** u **Johnny Gauci** izda x-xhieda taghhom ma gietx traskritta.

Ra ix-xhieda ta' **Ivor Robinich** moghitja, ghat-tielet darba imharrek mill-intimati, moghtija fl 20 ta' Ottubru 2010.

Ra ix-xhieda ta' **Nazzareno Vassallo** moghtija fid 9 ta' Frar 2011 u ir-ritratti minnu esebiti.

Ra l-affidavit ta' **Johnnie Gauci** u **Hussein Rock** ippresentati fit 23 ta' Novembru 2011.

Sema' il-kontro-ezami ta' **Nazzareno Vassallo** moghtija fit 2 ta' Lulju 2012.

Sema' il-kontro ezami ta' **Paul Chetcuti** u **Hussein Rock** motghija fit 23 ta' Novembru 2012.

Ra illi fil 21 ta' Frar 2013, il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi u, wara illi ttrattaw l-avukati, il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Il-kawza odjerna tirrigwarda kirja ta' ghalqa u razzett li jinstab fiha, liema ghalqa ghandha kejl ta' madwar 240 tomna u li tinstab gewwa l-inhawi maghrufa bhala 'Ta San Martin' u ta' 'Il-Gnien ta' Fuq', ghal liema raba l-inkwilini jhallsu Lm72 ossija €168 fis-sena.

Ir-raba, originalment mikrija fis-sena 1928 lill bdiewa Paolo u Angelo Fenech fis-sena 1928, tikkonsisti f'porzjoni ta' art sigar, xaghri, baghli u saqwi. Tali raba

baqghet tintuza mill-intimati u kienet qed taghmel uzu minnha Antonia Chetcuti u r-ragel taghha, lli miet qabel ma nbdew il-proceduri odjerni, meta s-socjeta rikorrenti xtrat l-art kollha inkwistjoni flimkien ma' artijiet ohra fid-dintorni fis-sena 1986.

Irrizulta, waqt il-mori tal-kawza, illi l-art in kwistjoni tintuza minn Ninu Bezzina li jigi r-ragel ta' Doris Bezzina, li jahdem madwar tomna u nofs, Paul Chetcuti, li jahdem xi hames tomniet, Joseph Galea li jigi r-ragel ta' Carmen Gauci, li jahdem madwar zewgt tomniet u John Gauci li jigi t-tifel ta' Maria Gauci, li jahdem madwar tlett tomniet, jigifieri b'kollox jintuza madwar tnax-il tomna mill-familja ta' l-intimata, li assumew l-atti tal-kawza odjerna wara li mietet l-intimata Antonia Chetcuti ftit wara li nbdiet il-kawza odjerna.

Irrizulta wkoll illi tlieta mill-erbgha persuni fuq imsemmija lkoll jahdmu bhala bdiewa fuq bazi part time filwaqt illi John Gauci jahdem full time bhala bidwi. Irrizulta wkoll illi gewwa r-razzett, toqghod Maria Gauci flimkien mar-ragel taghha Hussein Rock, illi ma jahdem xejn mill-eghlieqi.

Irrizulta wkoll illi sid il-kumpannija rikrorenti, ossija Nazzareno Vassallo, jghix f'dar antika illi tinstab sorguta fl-artijiet biswit l-art meritu tal-kawza odjerna.

**Ikkunsidra**

Skond ix-xhieda ta' Nazzareno Vassallo, huwa stqarr illi, meta huwa xtara il-propjeta li tinkludi l-art meritu tal-kawza odjerna, huwa kien jaf illi l-intimati kienu jahdmuha u qatt ma sab diffikluta' illi jibqu juzawha ghal skopijiet ta' agrikultura. Di fatti, ma kellu ebda oggezzjoni ukoll illi juzaw l-ingenji sabiex jaghmlu tali xoghol.

Madanakollu, zmien wara illi huwa kien xtara l-art, wiehed mill-intimati, Joseph Galea, kien bena garage fl-art in

kwistjoni sabiex jzomm l-ingenji tieghu filwaqt illi l-istess Joseph Galea u intimati ohra, ghattew il-hitan tas-sejjieh tal-propjeta bil-konkos, u dana minghajr ma ikkonsultaw mieghu. Sussegwentement, uhud mill-passaggi li jinsabu fil-propjeta tghattew bil-konkos illi kien igorr l-intimat Paul Chetcuti, peress illi kien jahdem bhala driver ta' 'ready mix'. Dana imbghad wassal sabiex ingenji kbar, inkluz trukkijiet u ingenji ohra ta' kostruzzjoni jiddahhlu u jinzammu gewwa l-propjeta meritu tal-kawza odjerna.

Finalment, jirrizulta illi, mument minnhom, ir-rikorrent sar jaf illi fir-razzett illi kien hemm, u li fih kienet qed tghix Maria Gauci, sarulha xi xoghlijiet ta' estensjoni fiha minghajr il-premess tieghu. Dana kollu eventwalment wasslu sabiex jiehu l-passi odjerni kontra l-intimati.

L-intimati, da parte taghhom, stqarru illi huma kienu ilhom juzaw l-art in kwistjoni minn zmien l-antenati taghhom u ghalkemm l-art kienet issa qed tinhadem minnhom, jigifieri it-tfal ta' Antonia Chetcuti, huma qatt ma avvicinaw is-sid precendenti biex il-kera ta' l-art iddur fuqhom, u dina baqghet dejjem tghajjat lill-ommom l-intimata illum mejta Antonia Chetcuti.

Huma stqarru wkoll illi f'partijiet mill-eghlieqi, huma bnew serrer zghar, ossija 'tunnels', sabiex ikunu jistghu jizrghu il-hxejjex fix-xitwa, liema tunnels, ghalkemm mhux permanenti, huwa essenzjali sabiex jaghmlu l-biedja f'dik iz-zona. Stqarrew ukoll illi l-passaggi tul dana il-post kollu huma rrangawhom billi ghamlulhom il-konkos sabiex ikunu jistghu jghaddi bl-ingenji taghhom kif ukoll bil-vetturi. Huwa sahqu illi dejjem uzaw il-parti ta' l-art li setghet tintuza ghal skopijiet agrikoli u qatt ma ghamlu hsara lill-propjeta kif qieghda talludi s-socjeta rikorrenti.

**Ikkunsidra**

Tenut kont ta' tali xhieda, il-Bord jaghmel referenza ghar-rapport illi sar mill-abbli esperti imqabbda mill-Bord ippresentat fid-29 ta' Novembru 2004 u ser jikkwotah *in extenso* sabiex jiffurma parti integrali mid-decizjoni u mill-kunsidrazzjonijiet illi ser jiehu dana il-Bord.

Jirrizulta illi, waqt access illi sar fis 27 ta' Frar 2004, gie stabbilit is-segwenti:-

*" a) hemm ghamla ta' kamrin mibni mill-bricks circk 1.68m x 3.66m x 9 filati minghajr saqaf mibni recentement skond l-intimat insostituzzjoni ta' ambjent li kien hemm qabel ferm izghar cirka nofs is-superfici presenti.*

*b) gie osservat illi parti mis-saqaf tal-Ghar kien ceda u l-intimati ddikjaraw waqt l-access li ma thallewx jirrangawh.*

*c) ir-rikorrenti gibed l-attenzjoni li recentement kamrin mir-razzett kien gie imkahhal.*

*d) l-accessibbilta' ghar-razzett huwa minn ghamla ta' pavimentar tal-konkos.*

*e) li skond ir-rikorrenti jirrizulta li ntefa ghadd ta' terrapin hdejn l-istess razzett li radam xi sigar esistenti tal-harrub u blat tax-xaghri.*

*f) li firxa ta' medda ta' raba konsistenti fi tlett eghlieqi li presentement qieghdin jinhadmu mill- intimati l-istess rikorrent qed jallega li ma kienux jinhadmu qabel.*

*g) illi fid-dokumenti esebiti (ritratti esebiti mill-istess rikorrenti) gie osservat illi s-sigar ma ghandhomx jesistu.*

*h) gie osservat illi ntghamel saff tal-konkos jew coping fil-faqqani tal-hajt tas-sejjieh konfinanti mat-triq.*

*i) giet innotat kostruzjoni ta' ambjent cirka 7 filati il-fuq mill-livell tat-triq attwali li qed tintuza bhala kcina b'zewgt imwejjed fin-nofs cirka 3.05m x 4.72m kontigwa maghha hemm ghamla ta' kamrin b'wash hand basin. Flok dawk l-ambjenti, skond l-intimat, bi qbil ma' l- istess rikorrent, kien hemm originalment kamra ohra. Gie osservat ukoll ghamla ta' coping tal-konkos fuq il-hitan tas-sejjieh madwar l-istess ambjenti.*

*j) gie osservat ukoll illi l-accessibbilta' ghal dawn l-ambjenti huwa minn moghdija tal-konkos.*

*k) gie osservat irqajja ta' concrete matul l-isqaq esistenti flimkien ma' ghamla ta' pjattaforma tal-konkos madwar l-istess sqaq.*

*l) kien hemm zewgt karozzi pjuttost antiki mitluqa ma' gemb l-istess sqaq.*

*m) gie osservat ukoll ghamla ta' garaxx imkahhal recentement gholi ta' cirka disa' filati msaqqaf bil-planki tal-konkos cirka 4.42m x 13.72 m*

*n) rigwardanti r-raba li jista teknikament jinhadem mill-intimati qieghed fil-prattika attwalment jinhadem u hemm ukoll zewg serrer ghamla ta' tunnels.*

*o) gie innutat ghadd ta' 'pellets' fuq hitan tas-sejjieh b'saff ta' coping tal-konkos.*

*p) gie osservat ukoll ghamla ta' kamrin tal-bricks cirka 1.84 m kwadru b'saqaf tal-konkos li gie mibni recentement u xoghlijlet ohra tal-konkos li ntghamlu mill-istess intimati."*

Tali kostatazzjonijiet, maghmulha mill-esperti mqabbda mill-Bord illi accedew fuq il-post erbgha snin wara li nftehet il kawza juru illi, ghalkemm l-intimati kienu qed jaghmlu uzu mill-eghlieqi illi jiffurmaw parti zghira, ossija 15-il tomna mill 250 tomna mikrija lilhom, jidher illi kien hemm nuqqas ta' manutenzjoni tal-fond inniffsu, u

partikolarment manutenzjoni hazina ta' uhud mill-hitan u tal-passaggi gewwa l-art in kwistjoni, kif ukoll hsarat ohra li saru lill-art a dannu tas-socjeta rikorrenti, inkluz it-tnehhija ta' sigar u binijiet recenti, kif konstata mill-istess esperti fil-mument ta' l-access.

Il-Bord jinnota wkoll illi fil 5 ta' Jannar 2005 inharget enforcement notice da parte tal-MEPA fuq is-socjeta rikorrenti, bhala sid l-art, u Joseph Galea, bhala okkupant ta' l-istess art, ghal bini ta' kmamar, hitan u landscaping li sar da' parte ta' Galea fuq l-istess art minghajr il-permessi necessarji. Di fatti, jirrizulta illi Joseph Galea, wara tali enforcement, applika sabiex tali kamra minnu mibnija tigi sanzjonata, liema applikazzjoni giet rifjutat mill-MEPA fit 13 ta' Settembru 2005 abbazi ta' rapport tal-MEPA fejn stqarret illi "*the development proposed for sanctioning has led to the loss of natural habitat and associated biodiversity*". Hija stqarret ukoll, meta rrifjutat il-permess, li "*the hard landscaping carried out on site, inclduing paving, stone benches, masonryboundary walls and columns leading into the site is not typical of an agricultural development but is more characteristic of an urban structure*".

Illi Bord ukoll jinnota illi s-socjeta rikorrenti kienet oggezzjonat ghal tali permess fl-24 ta' Gunju 2005. Madanakollu, minkejja tali oggezzjoni u ir-refusal tal-MEPA fit 13 ta' Settembru 2005, ghal ragunijiet mhux spjegabbli u attribwiti unikament lill-MEPA, l-istess struttura illi tqieset mill-MEPA bhala "*not typical of an agricultural development*" u li wassal ghal "*loss of the natural habitat and associated bio-diversity*", giet sussegwentement sanzjonata permezz ta' permess mahrug fis-6 ta' Frar 2007.

Fl-ahhar nett, il-Bord jinnota illi, kif stqarr Hussein Rock stess fl-affidavit tieghu, fir-razzett illi huwa jokkupa flimkien ma' martu Maria Gauci, huwa bena estensjoni minghajr il-kunsens tas-socjeta rikorrenti u minghajr ebda permess u kien biss wara illi sar l-access tal-periti ta' dana il-Bord li huwa zarma il-kamra sabiex ma jaggravax il-posizzjoni tal-mara tieghu u hutha fil-kawza odjerna.

**Ikkunsidra**

Fil-kuntest ta' obbligi illi l-inkwilini ghandhom fuq il-propjeta lilhom mikrija li jinkludi l-obbligu taghhom illi jmantnu tali propjeta, din il-Qorti, diversament ppresjeduta, kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell gia esprimiet ruhha diversi drabi, izda jkun opportun, f'dana l-istadju, illi issir referenza ghal uhud mis-sentenzi principali f'dana il-qasam.

Fil-kawza **Vivien Cassar Desain et vs Carmel Vella** deciza fit 2 ta' Ottubru 2008 mill-Bord u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil 15 ta' Lulju 2009 intqal li s-segwenti principji kienu jirrizultaw mill-provvedimenti tal-Ligi:

*"• Il-kerrej ghandu obbligu li jinqeda bil-haga mikrija u jahdem ir-raba' bhala missier tajjeb tal- familja (Art. 1554 u 1555 tal-Kodici Civili) u m'ghandux jinqeda biha b'mod li jista' jgib hsara lil sid il-kera;*
*• Iwiegeb ukoll ghal "...tgharriq u ghall-hsarat li jigru matul it-tgawdija tieghu, meta ma jipprovax li dan it-tgharriq jew hsarat graw minghajr htija tieghu." (Artikolu 1561 tal-Kodici Civili);*
*• Il-kerrej ghandu l-obbligu li f'gheluq il-kirja jirritorna l-haga mikrija fi stat tajjeb;*
*• L-obbligazzjoni li ghandu l-kerrej li jirritorna lura l-haga fi stat tajjeb, hemm ukoll l-obbligu li "....li jikkunsinna l-haga, u li jikkonservaha sal- kunsinna." (Artikolu 1126 tal-Kodici Civili).*
*• "Il-ligi hi severa ma min jitraskura l-obbligu li jzomm fi stat tajjeb ta' riparazzjoni l-hitan tar-raba ghax hi konxja mill-importanza taghhom ghall- preservazzjoni tal-hamrija u bhala lqugh ghall- elementi. Timponi ghal dan in-nuqqas is-sanzjoni massima ta' l-evizzjoni biex tassigura l-osservanza ta' dan l-obbligu" (**Carmela Aquilina vs Tereza Magro** deciza fil-25 ta' Gunju 1996).*

Fil-kawza **Nicholas Jensen et vs Emanuel Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju 2005, dina tkellmet dwar

x’ghandu jinftiehem minn kliem uzu tar-raba fil-kuntest ta’ akkuzi illi l-art saritilha hsara billi intuzat ghal skopjijiet ohra, u dina qalet:-

*Premessi dawn il-varji aspetti estratti mill-aggravji, jinghad qabel xejn, bhala oservazzjoni introduttiva ta’ indoli generali, illi l-kuntratt ta’ kiri ta’ fond rustiku, tnehhi certi tipi partikulari fejn ikun hemm arrangamenti assocjati bhal per ezempju l-koltivazzjoni tar-raba flimkien mat-trobbija ta’ bhejjem, di regola ghandu bhala oggett il-godiment ta’ haga produttiva u ghalhekk l-affitt ta’ raba jista’ jigi definit bhala l-lokazzjoni ta’ art ghall-koltivazzjoni ta’ prodotti agrikoli versu l-korrispettiv ta’ qbiela;*

*Minn dan jemergi l-obbligu fil-gabillott kerrej li jikkoltiva r-raba u li jaghmel uzu minnha qua bonus paterfamilias, u skond id-destinazzjoni taghha. L-obbligu hu dak allura li l-kerrej jikkonduci gestjoni produttiva u jezercita attivita` agrarja. Kif espress fid-decizjoni fl-ismijiet “**Markiz Joseph Scicluna -vs- Joseph Bezzina et**”, Appell, 6 ta’ Ottubru 1999, “meta l-ligi titkellem dwar l-uzu tar-raba riedet tfisser illi r-raba jkun mahdum skond is-sengha biex jigi utilizzat ghall-produzzjoni tal-prodott”;*

*Naturalment huwa lecitu li jigi sottolinejat illi l-art mikrija trid tkun suxxettibbli ta’ koltivazzjoni;*

Finalment, f'decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri, fl-ismijiet Joseph Zerafa vs Toni Casha u deciza fl 10 ta’ Mejju 2006 intqal illi

*Hi obbligazzjoni indotta mid-dispost ta’ l-Artikolu 4 (2) (f) illi l-inkwilin ghandu jzomm il-hitan tar-raba fi stat tajjeb ta’ manutenzjoni. Hi in fatti enuncjazzjoni siewja tal-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fuq citata “**Aquilina -vs- Magro**” (25 ta’ Gunju 1996) illi “l-ligi hi severa ma’ min jitraskura l-obbligu li jzomm fi stat tajjeb ta’ riparazzjoni l-hitan tar-raba ghax hi konxja mill-importanza taghhom ghall-preservazzjoni tal-hamrija u bhala lqugh ghall-elementi.” Wisq naturali, kull kaz irid jigi mistharreg fuq il-fattezzi partikulari tieghu. B’ mod specjali, ghad-determinazzjoni tal-htija trid tirrizulta ness ta’ kawzalita bejn il-fatt ta’ l-allegata hsara u l-att jew ommissjoni imputabbli lill-kerrej;*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta ammess anke mill-intimati stess, minn ritratti minnhom esebiti, illi uhud mill-hitan tas-sejjieh, li huwa l-obbligu taghhom sabeix imantnuhom, ma kienux assolutament fi stat tajjeb u dana jidher minn ritratti illi huma stess esebew sabiex jiggustifikaw l-uzu tal-konkos fuq hitan ohrajn. Jirrizulta car wkoll illi l-intimati, flok ma hadu hsieb il-hitan bhala "missier tajjeb tal-familja" u bdnewhom b'mod illi ilhom jinbnew ghal sekli shah, ghazlu illi jirrangawhom b'mod aktar veloci billi jghattuhom bil-konkos, taht il-pretest illi b'hekk i-hitan jissahhu.

Il-Bord ma jistax ma jinnutax illi, ghalkemm mhux espert f'dana il-kamp, f'zona li hija ekologikament importanti kif ukoll f'zona fejn l-ambjent huwa principlament wiehed ta' sigar u natura, l-utilizz ta' konkos fuq hitan, apparti li tkerrah l-ambjent kollu, taghmel hsara irreparabbli lill-hitan billi l-unika mod kif tali konkos jista jinqala huwa billi l-hitan kollha effettwati mill-konkos jizarmaw kompletament u jergghu jittellghu mill-gdid - dana certament huwa prova cara li l-intimati ghamlu hsara deliberatament lill-hitan.

Jirrizulta ammess ukoll mill-istess intimati, kemm mix-xhieda taghhom, kif ukoll mir-ritratti taghhom stess, illi l-passaggi li hemm fl-art, huma ghattewhom bil-konkos b'mod permanenti - certament il-Bord ma jistax jifhem kif l-intimati jistghu b'xi mod jghidu illi tali tqieghid ta' konkos fil-passaggi antiki ma ghandhux jitqies bhala dannu lis-sid. Jista jkun illi l-intimati jirragunaw illi dana kien mehtieg sabiex idahhlu l-ingenji taghhom, izda certament l-ingenji taghhom ma jinkludux wkoll trukkijiet u ready mix illi jiddahhlu fis-sit, kif ukoll karozzi qodma illi instabu fuq l-art mill-Periti tal-Qorti stess.

Huwa car, ghalhekk, lill dana il-Bord, illi l-intimat qieghed jaghmlu uzu minn parti zghira mill-art ghal skopijiet agrikoli, izda il-parti l-kbira tal-propjeta saritilha hsara da parte ta' l-intimati, kemm rizultat ta' nuqqas ta' manutenzjoni kif ukoll manutenzjoni hazina u bla sengha, liema hsarat jinkwadrah ruhhom fil-parametri stabbiliti fl-artikolu 4 (2) (f) tal-Kap 199, u li ghalhekk tippermetti lis-socjeta rikorrenti titlob ir-ripreza ta' l-ghalqa u razzett kollu.

**Konkluzjoni**

Il-Bord,
Wara illi ra il-provi u dokumentazjjoni kollha ppresentata.
Wara illi semgha ix-xhieda kif ukoll it-trattazzjoni ta' l-abbli avukati
Jghaddi biex jaqta u jiddeciedi billi
Jichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimati kollha
Jilqa t-talbiet attrici billi tiddikjara illi l-intimati naqqsu milli jzommu fi stat tajjeb il-hitan tar-raba u partijiet ohra ta' l-istess raba, inkluz il-passaggi kif ukoll naqqsu milli jharsu il-kondizzjonijiet tal-kirja u ghalhekk filwaqt illi tiddikjara il-kirja a favur ta' l-intimati bhala terminata tordna lill-istess intimati jizgumbraw ir-razzett u ghalqa tal-kejl ta' cirka 250 tomna f'San Pawl il-Bahar, fl-inhawi maghrufa bhala ta' "San Martin" u ta' "Il-Gnien ta' Fuq" u dana fi zmien tlett xhur mis-sentenza.
Spejjez tal-proceduri odjerni jkunu kollha a kariku ta' l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------